**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, ħamsa (5) ta' Ġunju 2024

Kawża Nru 240/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

Vs

**Christopher Vella**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża miġjuba kontra **Christopher Vella**, detentur tal-karta tal-identita numru 27394(G) talli nhar it-tlettax (13) ta' Awissu 2024 għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija (20:00hrs) fi Triq Frank Debono, Żebbuġ, Għawdex:

(1) inġurja jew hedded lil Carmen Roger jew jekk kien provokat inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.[1]

F'każ ta' ħtija l-Qorti ġiet ġentilment mitluba li tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta skont kif jidhrilha xieraq.

Semgħet ix-xhieda tal-parte civile;

Semgħet ix-xhieda tal-akkużat Christopher Vella li minn jeddu u b'mod volontarju għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ kienu s-segwenti: Carmen Roger, Chief Navigational Officer mal-kumpanija Gozo Channel, irrappurat fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex li nhar it-tlettax (13) ta' Awissu 2023 għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħaxija (20:15hrs) waqt li hija ipparkjat quddiem ir-residenza temporanja tagħha f'Marsalforn ġiet avviċinata minn persua liebsa helmet fuq mutur. Dan beda jgħajjat f'wiċċha u jheddidha u jipponta sebgħu lejn wiċċha. Hija għarfet li dan kien Christopher Vella. Dan kien wkoll impjegat tal-Gozo Channel u hija tiġi s-superjura tiegħu fuq il-post tax-xogħol. Vella beda jgħidilha li hu kien qed jagħmel xogħlu, li lilu ma tkellmux u li ma kellhiex xi tridu. Vella

[1] Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9

kompla jgħidilha li l-ħaġa ma kinitx se tieqaf hemm u li darba oħra se tkun agħar. Hija ħassitha imwerwra b'dan id-diskors.

Christopher Vella min-naħa tiegħu ikkonferma li huwa jaħdem flimkien mal-parte civile iżda qatt ma kellu inkontru magħha. Pero fuq mistoqsija tal-Qorti qal li dakinhar tat-tlettax (13) ta' Awissu 2023 huwa kien niżel lejn Marsalforn biex jieħdu drink għax kien il-Ħadd. Huwa inzerta lill-parte civile fit-triq u saqsieha għalfejn kienet ħaditlu r-ritratti. Hija qaltlu li ma kinitx biċċa tiegħu. Hu weġibha lura li jekk kienet se titfagħhom fuq facebook kienu se jispiċċaw il-Qorti. Hu caħad pero li kien heddidha. Sostna li l-ħin kollu kellimha bil-kelma t-tajba.

Ikkunsidrat;

Mill-provi prodotti huwa ċar li dakinhar tat-tlettax (13) ta' Awissu 2023 il-parte civile u l-akkużat iltaqgħu ma' xulxin. Il-parte civile tinsisti li hija ġiet mhedda mill-akkużat filwaqt li l-akkużat għalkemm jammetti li kellem lill-parte civile jiċħad li huwa heddidha. Il-Qorti għalhekk hija rinfaċċjata b'verżjonijiet kunflinġenti ta' dak li seħħ.

Il-fatt li Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet kunflinġenti, ma jfissirx li l-Qorti għandha bil-fors tillibera. Kif ingħad fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deċiża fid-19 ta' Mejju 1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge*

*may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".* F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tad-9 ta' Settembru 2002 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara:** jew il-Ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timpronta l-ħtija tal-imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għall-piena jew għal xi provvediment ieħor.

L-istess linja ta' ħsieb ġiet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** mogħtija fit-2 ta' Frar 2012:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qegħdin jagħtu verżjoni differenti minn oħrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi għax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li għandha twassal għal liberatorja. Fil-kawża* ***Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti f'każ ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annunċjati fl-Artikolu 637*

*tal-Kap. 9 u tasal għal konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino*** *19 ta' Ottubru 2006)."*[2]

Dak li trid tagħmel għalhekk din il-Qorti huwa li tevalwa ż-żewġ verżjonijiet u tara tistax tattribwixxi kredibbilita lil xi waħda miż-żewġ verżjonijiet mogħtija.

Il-Qorti kellha l-opportunita li tisma' x-xhieda tal-parte civile u tal-akkużat f'dan il-każ kif wkoll tara l-komportament tagħhom fuq il-pedana tax-xhieda. Huwa ċar għall-Qorti li l-verżjoni tal-parte civile kienet aktar kredibbli minn dik tal-akkużat. Hija spjegat b'mod ċar u skjett l-affarijiet kif kienu seħħew dakinhar tat-tlettax (13) ta Awissu u baqgħet tinsisti fuq l-istess verżjoni ta' kif seħħ l-inċident anke waqt il-kontro-eżami serrat li sarilha. Min-naħa l-oħra l-akkużat għall-ewwel jiċħad li kien seħħ inkontru mal-parte civile iżda imbagħad fuq mistoqsija speċifika tal-Qorti dwar jekk dakinhar tal-akkadut huwa kienx iltaqa' mal-parte civile huwa jwieġeb fl-affermattiv iżda jiċħad li hedded lill-parte civile. Apparti li dan mill-ewwel ipoġġi f'dubju l-kredibbilita tiegħu, il-Qorti hija wkoll propensa li tabbraċċja l-verżjoni tal-parte civile wkoll għas-segwenti raġunijiet: (a) il-parte civile tiġi s-superjura tal-

---

[2] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deciza fit-13 ta' Jannar 2016).

akkużat fuq il-post tax-xogħol; (b) l-akkużat jidher li inġibditlu l-attenzjoni dwar xi nuqqas u huwa identifika lill-parte civile bħala l-persuna li wasslet dan ir-rapport; (c) għalkemm l-akkużat jgħid li huwa kien nieżel Marsalforn biex jieħu drink, it-triq fejn seħħ l-inċident hija triq sekondarja li wieħed m'għandux għalfejn jgħaddi minnha biex jasal għar-ristoranti u l-bars ta' Marsalforn. Il-Qorti hija aktar propensa li temmen li l-akkużat mar propju f'din it-triq biex ifittex lill-parte civile u jiffaċċjaha biex jieħu s-sodisfazzjoni fuq ir-rapport li kien daħal kontra tiegħu għar-rigward l-azzjonijiet tiegħu fuq il-post tax-xogħol. Il-Qorti għalhekk hija konvinta li l-inċident seħħ hekk kif spjegat il-parte civile fid-deposizzjoni tagħha u li verament dakinhar hija sfat mhedda mill-akkużat.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu u qed tikkundannah għall-ċanfira.

In oltre l-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-persuna ta' Carmen Roger kif ukoll sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku qiegħda torbot lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta' sena u dan taħt penali ta' erba' mitt ewro (€ 400).

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Joseph Grech
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur